**16 ta' Settembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., A.R.Hist.**

Carmelina mart Alfred Vella, u l-istess Alfred Vella bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti

*versus*

Anthony Borg bħala prokuratur ta' l-assenti Joseph u Charles Borg u Jane Borg, mart Charles, Rita Debono mart Paul, ilkoll aħwa, ulied il-mejjet Anthony Borg kif ukoll Tessie Grech mart John, Barbara Galea, mart Joe, u John Mary Galea, it-tlieta ulied Paul Debono u l-mejta Marie neè Borg, bint l-istess Anthony Borg

**Serviġi – Preskrizzjoni – Rikonoxximent tad-Debitur – Interruzzjoni**

*Il-fatti juru li l-kreditu martu tal-kawża ġie rrikonoxxut debitament minn min kien obbligat għalih. Dan seħħ matul il-perijodu ta' anqas minn ħames snin qabel ġiet intavolata l-kawża. B'hekk avverat ruħha l-interruzzjoni jew ir-rinunzja għall-preskrizzjoni ġà kompjuta u konsegwentement tirriżulta r-rinunzja għall-preskrizzjoni eċċepita.*

Il-Qorti: -

1. Fit-13 ta' April, 1992, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza:

"Rat l-att ta' ċitazzjoni illi bih l-atturi, wara illi ppremettew li l-attriċi rrendiet serviġi lil Anthony Borg, missier il-konvenuti msifrin għal diversi snin, bl-intendiment u l-promessa ripetuta li kienet se tkun ikkompensata; li Anthony Borg miet fit-8 ta' Jannar, 1990, u minkejja li l-attriċi talbet il-kumpens mingħand uliedu dawn irrifjutaw li jħallsu;

Talbu għala din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tillikwida s-serviġi pprestati mill-attriċi fl-ammont li

jiġi stabbilit minn perit nominand;

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-atturi s-somma hemm illikwidata;

Bl-inġunzjoni u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru 416/90;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet* tal-konvenut, fil-kwalità tiegħu premessa, ippreżentata fid-dsatax (19) ta' April, 1990, illi biha eċċepixxa:

1. Illi mhux minnu illi l-attriċi rrendiet serviġi lil Anthony Borg missier il-konvenuti, u għalhekk m'għandha dritt għal ebda kumpens u t-talbiet tagħha għandhom jiġu rriġettati;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda relattivi tal-konvenut *nomine;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut *nomine*, ippreżentata fis-sitta u għoxrin (26) ta' April, 1991, illi biha eċċepixxa:

Illi anke kieku għall-grazzja ta' l-argument saru xi serviġi, il-kawża hija preskritta jekk mhux fl-intier, almenu in parti, bil-*preskrizzjoni ta' ħames snin*;

Rat id-dikjarazzjoni relattiva tal-konvenut *nomine;*

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat *in-nota ta' osservazzjonijiet* tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi bin-*nota ta'* eċċezzjonijiet ulterjuri hawn fuq riprodotta, il-konvenut *nomine* avvanza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali kontra l-azzjoni attriċi, u b'nota ppreżentata fil-ħdax (11) ta' Ġunju, 1991, il-konvenut *nomine* ddikjara illi l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri tiegħu:

"hija a bażi ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta";

L-azzjoni attriċi hija għall-ħlas ta' kumpens ta' serviġi allegatament reżi mill-attriċi Carmelina Vella matul numru ta' snin lill-mejjet Anthony Borg imsemmi fl-att ta' ċitazzjoni, liema kumpens irid jiġi llikwidat minn din il-Qorti. M'hemmx dubju illi għal kreditu ta' din ix-xorta hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' ħames (5) snin ikkontemplata mill-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, u f'dan ir-rigward huwa suffiċjenti illi ssir riferenza għas-sentenza ċċitata mill-konvenut *nomine* fil-paragrafu 1(d) tan-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu (App. Ċiv. 23-1-59, "George Portelli *vs* Nicola Galea", Vol. XLIII, P. I, p. 66);

L-imsemmi Anthony Borg miet fit-8 ta' Jannar, 1990, u l-atturi intavolaw il-kawża odjerna fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu, 1990. Ma jirriżultax illi qabel din l-aħħar imsemmija data l-atturi ħadu xi passi legali oħra kontra l-konvenut *nomine*, jew illi l-konvenut *nomine* jew il-mandanti tiegħu, jiġifieri l-eredi

ta' l-imsemmi Anthony Borg, irrikonoxxew b'xi mod id-dejn *ta' l-imsemmi mejjet Anthony Borg. F'dan ir-rigward huwa utili* illi jiġi rrilevat illi l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom jammettu illi d-diversi proposti illi saru, bl-iskop illi l-attriċi tiġi kkompensata għas-serviġi allegatament ipprestati, saru mingħajr preġudizzju;

Illi, għalhekk, l-azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għal serviġi reżi mill-attriċi qabel is-27 ta' Marzu, 1985 – jiġifieri ħames (5) snin mid-data tal-preżentata ta' l-att ta' *ċitazzjoni - hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(f)* Kap. 16. Jibqa' għalhekk illi jiġu kkunsidrati s-serviġi illi setgħu ġew reżi mill-attriċi lill-mejjet Anthony Borg bejn is-27 ta' Marzu, 1985, u t-8 ta' Jannar, 1990, id-data tal-mewt ta' l-istess Anthony Borg;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta illi l-mejjet Anthony Borg huwa z-ziju ta' l-*attriċi Carmelina Vella u illi fil-perijodu msemmi ta' bejn is-27* ta' Marzu, 1985, u t-8 ta' Jannar, 1990, l-ulied kollha tal-mejjet Anthony Borg, jiġifieri Joseph Borg, Charles Borg, Jane Borg u Rita mart Paul Debono, kienu emigrati l-Awstralja;

Ikkunsidrat:

Illi fit-tieni paragrafu ta' l-affidavit tagħha magħmul fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju, 1990, l-attriċi elenkat is-serviġi *illi sa minn 19-il sena qabel kienet tippresta lill-imsemmi Anthony* Borg u qalet (fol. 12):

"Kont innaddaflu darba fil-ġimgħa";

"..... u f'xi ħin kuljum kont immur biex nara jekk qamx u kellux bżonn xi ħaġa";

"Għamilt żmien twil neħodlu l-ikel kull nhar ta' Ħadd";

"Kont immur nagħmillu x-xirja";

"Il-kuntatt bejnu u t-tfal tiegħu ġewwa l-Awstralja kont nieħu ħsiebu jien billi kont niktiblu l-ittri";

Ġara, però, illi aktar minn ħames (5) snin qabel miet Anthony Borg, l-attriċi mardet u b'konsegwenza ta' hekk, naqqset *sostanzjalment il-kwantità u t-tip ta' serviġi lill-istess* Anthony Borg. Dan jirriżulta mill-imsemmi affidavit ta' l-attriċi fejn jingħad hekk (fol. 14):

"..... irrid ngħid li minn xi snin 'l hawn inqalgħuli ħafna problemi kemm personali u kif ukoll familjari. Meta għidt personali rrid infisser li feġġitli *eczema* f'idejja t-tnejn. Kelli nnaqqas mit-tindif tad-dar kemm taz-ziju Toni u anke mid-dar tagħna. Domt intabbab mhux ħażin u t-tabib kien irrakkomandali li nagħmel safra x'imkien. Dwar dan it-tnaqqis *ta' xogħol kont ktibt lil* Rita. Biex *tkompli tiġi ħażina, ommi* taha attakk tal-qalb u għaddietha;

*Omissis;*

Fil-fehma tal-Qorti, għalkhekk, jirriżulta illi s-serviġi illi pprestat l-attriċi lill-mejjet Anthony Borg bejn is-27 ta' Marzu, 1985, u t-8 ta' Jannar, 1990, kienu jikkonsistu filli kuljum f'xi ħin tal-ġurnata kienet tmur tara qamx u illi tiktiblu l-ittri għal uliedu emigrati. Jirriżulta wkoll illi l-attriċi lill-imsemmi Anthony

Borg kienet taqralu l-ittri illi huwa jirċievi mingħand uliedu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi ma jirriżultax ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-attriċi ġiet ikkompensata mill-mejjet Anthony Borg għas-serviġi illi pprestatlu. Il-Qorti qed tagħmilha ċara illi mhix qed tagħti kredibilità lill-konvenut kwantu għal dak illi huwa xehed illi l-mejjet Anthony Borg kien jgħidlu illi lill-attriċi kien jagħtiha xi ħaġa talli tiktiblu l-ittra. Mhux verosimili illi l-konvenut saqsa lill-mejjet Anthony Borg jekk lill-attriċi kienx itiha xi ħaġa talli tiktiblu l-ittri, kif huwa xehed illi għamel (fol. 94). Hija fjakka ħafna l-ispjegazzjoni illi ta l-konvenut meta ġie mistoqsi dwar dan fil-kontro-eżami (fol. 97);

Ikkunsidrat:

Illi jibqa' għalhekk illi jiġi llikwidat il-kumpens dovut lill-attriċi għas-serviġi hawn fuq iddettaljati pprestati lill-mejjet Anthony Borg bejn is-27 ta' Marzu, 1985, u t-8 ta' Jannar, 1990;

Kwantu għas-serviġi konsistenti filli l-attriċi kienet tmur kuljum id-dar ta' l-imsemmi Anthony Borg sabiex tara jekk qamx u jekk għandux bżonn xi ħaġa, għandu jiġi rrilevat illi matul il-perijodu in kwistjoni, kemm l-attriċi u kemm Anthony Borg kienu joqogħdu l-Mellieħa. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-kumpens

għal dawn is-serviġi għandu jkun ta' żewġ lilri (Lm2) fil-ġimgħa u għalhekk għall-perijodu kollu hawn fuq imsemmi (mitejn u disgħa u tmenin ġimgħa) ta' ħames *mija u tmienja u sebgħin* lira (Lm578);

Kwantu għall-kitba u qari ta' ittri l-Qorti qed tibbaża l-kalkoli tagħha fuq dak illi xehdet l-attriċi fuq talba tal-Qorti fit-23 ta' Marzu, 1992 (fol. 111 u 112) b'dan illi peress fil-fehma tagħha huwa inverosimili għall-aħħar illi l-imsemmija Rita Debono kienet tikteb lil missierha mill-Awstralja darbtejn fil-ġimgħa qed tikkonsidra illi din Rita Debono kienet tikteb darba fil-ġimgħa. Il-Qorti ma taħsibx illi dawn l-ittri, tant spissi, kienu twal wisq, u għalhekk, anqas ir-risposti għalihom, *ma kienu jkunu tant twal*. Il-Qorti qed tistabilixxi l-kumpens ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu (25c) għall-kitba ta' kull ittra u ta' nofs dan, jiġifieri ta' tnax-il ċenteżmu u ħames milleżmi (12c5) għall-qari ta' kull ittra. B'kollox matul il-perjodu msemmi l-attriċi kitbet ċirka 470 ittri u qrat daqstant ieħor. Il-kumpens lilha dovut għal dawn il-kitba u qari huwa globalment ta' mija u sitta u sebgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (LM176.25);

B'kollox, għalhekk, il-kumpens għas-serviġi kollha reżi mill-attriċi lill-mejjet Anthony Borg qed *jiġi llikwidat fis-somma ta'* seba' mija u erbgħa u ħamsin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (LM754.25c,0). Dan il-kumpens irid jagħmel tajjeb għalih il-konvenut bħala mandatarju ta' l-eredi tal-mejjet Anthony Borg imsemmija fl-att ta' ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi:-

Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut nomine dwar is-serviġi reżi mill-attriċi lill-mejjet Anthony Borg qabel is-27 ta'

Marzu, 1985, u tiċħad l-istess eċċezzjoni ulterjuri kwantu għas-serviġi reżi mill-attriċi lill-mejjet Anthony Borg bejn is-27 ta' Marzu, 1985, it-8 ta' Jannar, 1990, tirrespinġi l-eċċezzjoni fil-meritu tal-konvenut nomine, tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tillikwida l-kumpens dovut lill-attriċi għas-serviġi pprestati lill-mejjet Anthony Borg bejn is-27 ta' Marzu, 1985, u t-8 ta' Jannar, 1990, fis-somma ta' LM754.25,0 u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' LM754.25,0 hekk illikwidata;

Tordna illi l-ispejjeż tal-kawża jiġu ssopportati mill-konvenut nomine b'eċċezzjoni ta' dawk ta' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut *nomine* illi għandhom jiġu ssopportati nofs (1/2) mill-atturi u nofs (1/2) mill-konvenut nomine'';

2. L-atturi appellaw minn din is-sentenza. Huma llimitaw l-appell tagħhom in kwantu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet milqugħa fil-konfront tas-serviġi reżi mill-attriċi lill-mejjet Anthony Borg matul il-perjodu **qabel** is-27 ta' Marzu, 1985. L-atturi ssottomettew li din l-eċċezzjoni kien hemm lok li tiġi miċħuda anke fir-rigward ta' l-imsemmi perjodu, billi kien hemm interruzzjoni *tal-preskrizzjoni bir-rikonoxximent tad-debitu*. L-atturi talbu li din il-Qorti tirriforma l-imsemmija sentenza billi tiġi kkonfermata fejn intlaqgħu t-talbiet għal ħames snin, tiġi rrevokata fejn intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar il-perjodu preċedenti, u li minflok jintlaqgħu t-talbiet ta' l-atturi fl-interezza tagħhom;

3. Il-konvenut nomine appella min-naħa l-oħra, talab li l-appell jiġi miċħud u li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata *billi l-allegat rikonoxximent*, jekk sar, *huwa vag għal kollox u* lanqas ma jista' jiġi stabbilit meta sar dan l-allegat

rikonoxximent. Biex rikonoxximent ta' debitu jservi ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, huwa jrid ikun ċar u mhux ekwivoku;

4. L-attriċi qiegħda titlob kompens għas-serviġi li hija tippretendi li pprestat liz-ziju tagħha, Anthony Borg, għad-dsatax-il sena ċirka qabel il-mewt tiegħu, li seħħet fit-8 ta' Jannar, 1990;

5. L-Ewwel Onorabbli Qorti *llikwidat* is-somma ta' LM754.28 għas-serviġi pprestati lill-mejjet Anthony Borg bejn is-27 ta' Marzu, 1985, u t-8 ta' Jannar, 1990. Inoltre, iddeċidiet li l-azzjoni għall-kumpens ulterjuri għall-perjodu preċedenti, kienet preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16;

6. L-Appell huwa limitat għal din l-aħħar imsemmija konklużjoni. L-atturi appellanti qegħdin isostnu li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi miċħuda wkoll fil-konfront tal-perjodu preċedenti, billi kien hemm rikonoxximent tad-debitu da parti tal-mejjet. Isostnu illi tali rikonoxximent għandu s-saħħa biex jinterrompi kull preskrizzjoni anke dik li tkun digà immaturat. Min-naħa l-oħra, il-konvenut nomine qiegħed isostni li ma kienx hemm ebda rikonoxximent ċar u mhux ekwivoku da parti tad-debitur;

7. Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tiegħu u li kontra tiegħu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Huwa risaput ukoll li, fil-każ li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun diġa' ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali għal rinuzja għall-effetti tal-preskrizzjoni. Għandu jingħad ukoll illi l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja, għall-preskrizzjoni, javveraw ruħhom ukoll meta r-

rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu. Dana jiġri meta jkun sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-ħlas iżda ma jkunx sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-ħlas ta' somma ta' flus determinata u speċifikata. Infatti, huwa aċċettat fil-ġurisprudenza u fid-dottrina, illi rikonoxximent jista' jkun ukoll "illiquido" kif isejjaħlu l-GIORGI. (Ara Kollez. Vol XXXIV - II - 742);

8. Bħala fatt, jirriżulta sodisfaċentement li l-attriċi verament irrendiet serviġi lill-mejjet Anthony Borg għal ċirka dsatax-il sena qabel mewtu. Kienet tnaddaflu l-post, fejn kien jgħix waħdu, darba fil-ġimgħa; teħodlu ħsieb il-korrispondenza ma' wliedu, kollha emigrati fl-Awstralja. Inoltre, kienet tittawwallu kuljum biex tara li ma jonqsu xejn. Matul l-aħħar snin, l-attriċi kellha tnaqqas it-tindif u l-provvista ta' l-ikel minħabba raġunijiet personali;

9. Irriżulta li l-attriċi ma kellhiex l-intenzjoni li tippresta dawn is-serviġi gratwitament. Anke l-mejjet Anthony Borg kellu intenzjoni li jikkompensa lill-attriċi. L-attriċi tinsisti li l-mejjet kien irrikonoxxa d-debitu fuqu lejha;

10. Il-punt fokali ta' l-appell odjern huwa appuntu jekk, bħala fatt, *kienx hemm tali rikonoxximent ta' l-obbligu tal-mejjet* li jikkompensa lill-attriċi għas-serviġi li pprestat. F'każ affermattiv, irid jiġi ddeterminat jekk avverratx ruħha d-debita interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni relattiva;

L-attriċi, fl-affidavit tagħha, a fol. 6 stqarret hekk;-

"Rita (bint Anthony Borg) ta' spiss kienet tikteb liz-ziju biex *iħallasni, u z-ziju kien jgħidli li* ***l-kont tiela' ġmielu.*** Jiena kont nirrispondih, 'aħjar, għax imbagħad naqbad iċ-

ċappa'. Dan id-diskors kien ikun ta' spiss (fol.6)...... Rita ta' spiss kienet tiktiblu biex jieħu ħsiebi. Kienet ukoll tobbligani biex nistiendu għall-ikel fil-festi speċjali bħall-Milied, l-Għid u l-festa tar-raħal. **Kien dejjem iwiegħdni li jikkompensani.** (fol. 7);

L-attriċi rrakkontat l-aħħar diskorsata li kellha ma Anthony Borg (billi l-għada fil-għodu sabitu mejjet):-

"Il-Ħadd fil-għaxija domt hemm ħafna. Dħalt innaddaf il-kċina u lestejt kollox....... u mingħajr ma ridt għidt:- 'Ajma kemm jien għajjiena', qalli: "Ridt inkellmek fit-tul imma tidher għajjiena. Sibtek aktar minn uliedi. Imn'Alla kont int għalija, kelli mara minnek. Mur, mur strieħ u għada ejja ħa nfehmek kollox x'għandi ngħidlek **u nħallsek minn hemm'** , u pponta subgħajh lejn gwardarobba. Qalli, "Tinsiex biex nhar il-Ħamis niktbu lit-tfal kollha. Itlaq, għax għajjiena.... u ejja għada", (fol. 11);

L-affidavit ta' l-attriċi jirriżulta wkoll li r-rikonoxximent tal-kreditu tagħha sar anke min uħud mill-eredi ta' Anthony Borg.

**A fol. 6** Qabel ma telqu (minn Malta lura lejn l-Awstralja), Rita qalet liz-ziju: "Ħu ħsieb din it-tifla u ħallasha tax-xogħol li qiegħda tagħmillek għax lilha qed issib..... Imbagħad daret lejja u qaltli: "Lin, tabbandunahx, aħna npattulek ta' kollox";

**A fol. 9** l-attriċi qalet li ċemplet lil Rita u qaltilha li missierha ġie rikoverat l-isptar. Rita rrispondietha:-

"Kollox f'idejk, għamel li hemm bżonn u se nibgħatlek ċekk ... ħu ħsieb ta' kollox u npattulek ta' kollox";

**A fol. 14** l-attriċi tirrakonta x'qal bin il-mejjet, Joseph, meta ġie Malta għall-funeral:-

"Joe Zuzell qal lili u lir-raġel tiegħi li qabel ġew Malta kienu ftehmu li se jagħtuna r-raba'; u rigward il-post nagħtuhulhom "at a reasonable price", u li ma jafux biex ser iħallsuni ta' kollox.";

Dan id-diskors ġie kkonfermat fl-affidavit ta' l-attur (fol. 32) ta' Mary Cini (fol. 52) u ta' Vincent Cini (fol. 56) u pjuttost qabel ma' dak li l-attriċi kienet iddeponiet (a fol. 6) u cjoè:

"Niftakar li (lill-mejjet) kont tlabtu r-raba' (tal-Għonq u l-Franka). Kien weġibni li dik ta' l-Għonq hija tal-Gvern u seta' jagħtijhieli, però dik il-Franka hija tat-tfal għax hija minn sehem ommhom. Bil-permess taz-ziju kont ktibt lil Rita u għidtilha b'dik il-biċċa *tal-Franka u biex tgħid lil ħutha wkoll. Rita kitbet għand* iz-ziju fejn qalet li stajt neħodha għax ħadd minnhom m'hu ġej jgħix Malta";

11. Illi dawn huma siltiet mill-provi li jindikaw li l-mejjet irrikonoxxa d-debitu tiegħu lejn l-attriċi. Jindikaw ukoll illi wħud minn uliedu, f'ċertu żmien għamlu l-istess rikonoxximent. Ħadd minn uliedu ma ddeponew f'din il-kawża u għalhekk dak li stqarret l-attriċi fil-konfront tagħhom, ukoll, bl-ebda mod ma ġie kontradett. Inoltre, għandu jiġi osservat li din il-Qorti tagħti affidabilità għas-sustanza tax-xhieda ta' l-attriċi, mhux biss għaliex dak li xehdet dwar din il-kwistjoni ma ġiex kontradett, iżda wkoll għaliex l-attriċi tat prova ta' l-affidabilità tagħha, meta hija debitament kkonsenjat il-flus kontanti li sabet tal-mejjet (ċirka LM700) lil uliedu;

12. Illi din il-Qorti hija sodisfatta għalhekk li l-kreditu ta' l-attriċi mertu tal-kawża ġie rrikonoxxut debitament minn min kien obbligat għalih. Din il-Qorti hija sodisfatta li dan ir-*rikonoxximent seħħ matul il-perjodu ta' anqas minn ħames snin* qabel ġiet intavolata l-odjerna kawża. B'hekk, avverrat ir-rinunzja għall-preskrizzjoni ġà kompjuta, u konsegwentement, tirriżulta r-rinunzja għall-preskrizzjoni eċċepita, li għalhekk għandha tiġi respinta;

13. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti llikwidat il-kumpens għas-serviġi reżi bejn Marzu, 1985, u Jannar, 1990, fis-somma ta' LM754.25,0. Din il-parti tas-sentenza ma ġietx appellata, u *għalhekk, jonqos li jiġi llikwidat il-kumpens għall-perjodu* preċedenti ta' ċirka erbatax-il sena;

14. Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fejn il-bażi fattwali dwar in-natura w l-kwalità tas-serviġi in kwistjoni jinsabu ppruvati b'mod ġeneriku ħafna, u fejn, kwindi, kalkolazzjoni matematikament preċiża ma tistax issir, il-ġudikant kien kostrett li jillikwida l-kumpens fuq bażi *"arbitrio boni viri"* u b'kalkolazzjoni aktar approssimattiva milli preċiża;

15. Illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma jidhrilhiex opportun li tibgħat lura l-proċess lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tillikwida l-kumpens dovut, billi tali likwidazzjoni, f'dan il-każ partikolari, ma tipprospettax kwistjonijiet komplikati. Għalhekk, ai termini ta' l-artikolu 233 (2) tal Kap. 12, dan il-likwidazzjoni tista' ssir minn din il-Qorti stess sabiex jiġu evitati spejjeż inutli u sabiex din il-kawża ma tkomplix titwal aktar;

16. *Illi din il-Qorti jidhrilha li tkun ħaġa ġusta li l-attriċi* tiġi kkompensata b'rata ta' LM3 (tliet liri fil-ġimgħa) għas-serviġi

li pprestat. B'hekk, għall-perjodu ta' erbatax-il sena in kwistjoni, l-attriċi ħaqqha ħlas ta' LM2184, li flimkien ma' l-ammont ta' LM754.25,0 diġa llikwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, jwasslu għas-somma komplessiva ta' LM2938.25,0 (elfejn, disa' mija tmienja u tletin lira maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmi);

17. Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u għalhekk:

(1) tirrevoka s-sentenza appellata fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut nomine dwar is-serviġi reżi mill-attriċi lill-mejjet Anthony Borg qabel is-27 ta' Marzu, 1985, u minflok, tirrespinġi din l-eċċezzjoni fil-konfront ta' l-istess serviġi;

(2) tikkonferma s-sentenza appellata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni fil-mertu tal-konvenut nomine;

(3) *tilqa'* l-ewwel talba attriċi billi tillikwida l-kumpens dovut lill-attriċi għas-serviġi kollha pprestati lill-mejjet Anthony Borg fis-somma komplessiva ta' LM2938.25,0) u;

(4) tilqa' t-tieni talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex iħallas lill-attriċi s-somma komplessiva ta' LM2938.25,0) hekk illikwidata;

(5) tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut nomine.